MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-28 ta' Gunju, 2007

Citazzjoni Numru. 406/2004

Kawza fil-lista: 63

**A B**
**vs**
**L-Avukat Dottor Tonio Azzopardi u l-Prokuratur legali Liliana Buhagiar nominati kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lill-assenti C B**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attrici ppremettiet u talbet hekk:

Peress illi l-kontendenti zzewgu fl 14 ta’ April 1999 kif jirrizulta mill-anness certifikat taz-zwieg (Dok. A).

Peress illi z-zwieg ta’ bejn il-kontendenti thassar irrevokabilment minhabba mohqrija, sevizzi gravi, swat, inurji, abbandun u theddid da parti tal-konvenut.

Peress illi miz-zwieg twieldet tifla ossia D li ghadha minuri.

Peress illi l-attrici giet debitament awtorizzata skond Digriet ta’ din l-Onorabbli Qorti tal-20 ta’ Ottubru 2004, kopja ta’ liema tinsab hawn annessa bhala Dok. B, biex tipprocedi ghas-separazzjoni personali.

Jghid il-konvenut ghaliex m’ ghandhiex din l-Onorabbli Qorti:

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti.

2. Takkorda l-kura u l-kustodja tat-tifla minuri fuq imsemmija.

3. Tikkundanna l-konvenut ihallas manteniment adegwat ghaliha u ghat-tifla minuri taghha.

4. Tiddikjara xolta l-komunjoni ta’ l-akkwisti ta’ bejn il-kontendenti, tillikwida l-istess komunjoni, taqsamha f’ zewg porzjonijiet applikando kontra l-konvenut is-sanzjonijiet kontemplati fil-ligi u tassenja wahda lill-attrici u l-ohra lill-istess konvenut, bin-nomina okkorrendo ta’ perit biex jaghmel l-imsemmija likwidazzjoni u jipproponi pjan ta’ qasma, u okkorrendo ta’ nutar biex jircievi l-att opportun u kuratur biex jirraprezenta l-eventwali kontumaci fuq l-istess att.

5. Tikkundannah sabiex jikkonsenja lill-attrici fi zmien qasir, u perentorju li jigi lilu prefiss l-oggetti kollha parafernali nkluzi flus, u fin-nuqqas jigi kkundannat ihallas lill-attrici l-valur taghhom kif jigi likwidat okkorrendo permezz ta’ perit nominand.

6. Tawtorizza lill-attrici tirriverti ghal kunjoma xebba u cioe’ Spiteri.

Bl-ispejjez u l-konvenut ingunt minn issa in subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-kuraturi deputati li biha eccepiew li huma m' humiex edotti mill-fatti tal-kaz, u rrizervaw li jipprezentaw nota ta' l-eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat id-dikjarazzjonijiet tal-partijiet u l-listi tax-xhieda;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob is-separazzjoni personali minn ma' zewgha l-assenti in bazi ghal artikoli 40 u 41 tal-Kap.16; kif ukoll sabiex din il-Qorti tirregola l-effetti konsegwenzjali tas-separazzjoni.

Illi l-Qorti semghet lill-attrici tiddeponu, u tosserva li d-deposizzjonijiet taghha ma gewx kontraddetti.

Illi mill-provi jirrizulta li l-attrici, cittadina maltija, kienet izzewweg lill-assenti C B, cittadin Libjan, fl-14 ta' April 1999 wara li kienu ilhom jiffrekwentaw lil xulxin sena u nofs, u wara li l-attrici kienet harget tqila mill-konvenut assenti. Minn dan iz-zwieg twieldet il-minuri D fl-10 ta' Awissu 1999,. Wara konvivenza ta' circa 4 xhur l-assenti telaq mid-dar konjugali u abbanduna lill-attrici u lil binhom, u dan wara li l-attrici kienet iffirmat karti ta' l-imigrazzjoni.

Jirrizulta li minn mindu beda jiffrekwenta lill-attrici, l-assenti qatt ma hadem, la qabel u lanqas wara z-zwieg, u kemm hija, kif ukoll l-assenti, dejjem ghexu bl-assistenza socjali, kif ghada tghix sallum. L-attrici tispjega li matul il-konvivenza matrimonjali ta' erba xhur, l-assenti kien jsawwatha, u kien  jhedded li jahraq lilha u lil binthom.

Illi l-Qorti tosserva li mill-kwadru premess tal-fatti, jikkonfiguraw da parti ta' l-assenti, is-sevizzi kontemplati fl-artikolu 40, kif ukoll l-abbandun fit-termini ta' l-artikolu 41 stante li l-assenti kien abbanduna d-dar konjugali f'

Awissu 1999 u ma regghax tfacca aktar, filwaqt li l-proceduri gudizzjarja gew inizjati fis-19 ta’ Ottubru 2004. Ghaldaqstant ir-responsabblita’ ghas-separazzjoni tirrisjedi unikament fuq l-assenti.

Illi rigward it-talba ghal manteniment, il-Qorti tosserva li ma ngabux provi in propositu, ghajr li meta l-konvenut assenti kien Malta huwa ma kienx jahdem u kien jghix bil-beneficcju socjali.

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi:

[1] tilqa’ l-ewwel talba, u tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-partijiet;

[2] tilqa’ t-tieni talba, u takkorda lill-attrici l-kura u kustodja esklussiva tal-minuri D; bid-dritt ta’ access, favur il-missier, u li l-modalita’ tieghu tigi stabbilita wara rikjesta appozita f’ dan ir-rigward;

[3] tilqa’ t-tielet talba limitatament billi tafferma d-dritt ta’ l-attrici li titlob minghand il-konvenut assenti manteniment ghaliha u ghal binthom; izda tastjeni milli tiffissa retta alimentarja, stante li ma rrizultax provat li l-konvenut jahdem bi qligh;

[4] tilqa’ ir-raba’ talba, u tiddikjara xjolta l-komunjoni ta l-akkwisti b’ effett mill-31 ta’ Awissu 1999; fil-waqt li tasjenti milli tiehu konjizzjoni tal-kumplament tat-talba, stante li skond l-attrici ma hemmx assi fil-komunjoni;

[5] tichad il-hames talba, stante li ma ngabux provi in propositu;

[6] tilqa’ is-sitt talba u tawtorizza lill-attrici tirriveri ghal kunjom xbubitha ‘Spiteri’.

L-ispejjez ghandhom jigu sopportati mill-konvenut assenti; izda dawk relattivi ghal kuraturi deputati ghandhom provvizorjament jithallsu mill-attrici.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------